**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Jannar 2022**

Rikors Numru: 240/21 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 677/2004)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar il-fl-1/05/2004 kopja tac-certifikat taz-zwieg anness bhala Dokument AH1;

2. Illi minn dan iz zwieg kellhom zewgt itfal D nhar 1-20/3/2005 u E nhar it18/9/2008 li ghadhom minorenni;

3. Illi l-konvenut rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn l-partijiet impossibbli u dana minhabba adulterju, ingurji, sevizzi fost ragunijiet ohra kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; dana apparti l-fatt li kien il-konvenut li kien qabad u telaq mid-dar matrimonjali;

4. Illi minhabba f'dan, iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess konvenut kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi -partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta' digriet moghti minn din l- Qorti (Digriet tal-awtorizzazzjoni anness u mmarkat Dokument AH2);

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dna minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza lill-attriċi sabiex tgħix separatament minn mal-konvenut.

2. Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri D li twieled nhar 1-20/3/2005 u E li twieldet nhar it-18/9/2008 f'idejn l-esponenti;

3. Tordna li r-residenza primarja tal-minuri D li twieled nhar l-20/3/2005 u E li twieldet nhar it-18/9/2008 tkun mal-esponenti;

4. Tillikwida ammont adegwat ta' mantenimentohal minuri D li twieled nhar 120/3/2005 u E li twieldet nhar it-18/9/2008 li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lil-attrici filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lil-attrici dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu/jista' jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif Iistess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.

5. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment pagabbli mill-intimat lil-attrici liema manteniment ghandu jkun mill-konvenut lil-attrici filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lil-attrici dik

ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu/jista' jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja;

6. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;

7. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa’ fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lil-attrici.

8. Ixxolji u tillikwida l-proprjeta’ komuni li hemm ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenut huwa unikament hati ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attrici u porzjoni lil-konvenut *ope sententiam* billi tikkunsidra wkoll id-dati tal-akkwist tad-diversi beni u d-data minn meta l-konvenut ghandu jkun ikkunsidrat hati tat-tortijiet kommessi minnu b'konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabilment, filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

9. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lil-attrici l-beni kollha dotali u/jew parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.

10. Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u/jew il-valur tal-istess u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz;

11. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

12. Tiddikjara li l-attrici ghandha tibqa b'kunjomha ta' mizzewgha;

13. Tipponunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn l-partijiet fl-ewwel ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (1/05/2008);

14. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.

15. Tawtorizza lil-esponenti tirriverti ghal kunjomha ta' xebba;

16. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut a fol 20 tal-proċess li permezz tagħha espona:

Illi preliminarjament, l-eccipjenti jaghmel riferenza ghall-kawza ta' separazzjoni pprezentata minnu fl-4 ta' Dicembru, 2020 quddiem din il-Qorti fl-ismijiet: C B vs A B [Rikors Guramentat numru 225/2020 AL], liema kawza tinsab appuntata quddiem din il-Qorti diversament preseduta ghas-seduta tas-16 ta' Frar, 2021 fid-9.15 a.m.; u jitlob li ghall-ekonomija tal-gudizzju z-zewg kawzi ghandhom jinstemghu flimkien.

Illi fil-meritu, bosta mit-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt:

1. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'dan pero' li jigi dikjarat li z-zwieg tal-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli htija tal-attrici senjament minhabba adulterju, vjolenza psikologika, sevizzi, eccessi w ingurji gravi, kommessi mill-attrici fil-konfront tal-esponenti.

2. Illi l-esponenti joggezzjona bil-qawwa kollha li l-kura u kustodja tal-minuri Kai u Kady ghandha tigi fdata esklussivament f’idejn l-attrici u dan stante li kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, huwa fl-interess suprem tal-minuri, li l-kura u kustodja tigi fdata esklussivament fidejn l-esponenti missierha.

3. Illi l-esponenti joggezzjona wkoll li r-residenza primarja tal-minuri D u E ghandha tkun mall-attrici, izda din tkun ghandha tkun mall-esponenti u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri, kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Fin-nuqqas l-esponenti ghandu jinghata access ampju favur il-minuri wliedu.

4. Illi kull parti u l-ispejjez hija obbligata edukattivi, kont thallas medici tal-mezzi u tikkontribwixxi u extra-kurrikulari tal-partijiet; ghall-alimenti u tal-istess ghalhekk minuri, tal-minuri anke l-attrici għandha tiġi kkundannata tħallas ir-retta alimentari għall-minuri u tikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-istess minuri.

5. Illi l-esponenti jopponi bil-qawwa kollha li huwa ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment għall-martu stante li hija tilfet id-dritt taghha ghall-manteniment senjament minhabba adulterju, fosthom ma' F G, hekk kif ser ampjament jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kif ukoll l-attrici ma tikkwalifikax bhala persuna ntitolata ghall-manteniment minghand zewgha ai termini tal-Ligi u ghab-bazi ta' gurisprudenza kostanti.

6. Illi l-esponenti ma ddekadiex mid-dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici.

7. M'ghandhomx japplikaw kontra l-esponenti s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 48 sa 52 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), la in toto u lanqas in parte, stante li huwa m'huwiex il-kawza tat-tifrik taz-zwieg, izda l-attrici hija hatja tal-istess. Dawn is-sanzjonijiet ghandhom ghalhekk japplikaw fil-konfront tal-attrici u mhux tal-esponenti.

8. L-esponenti jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi xjolta, likwidata u diviza, b'dan li jittiehdu in konsiderazzjoni l-krediti dovuti versu l-komunjoni tal-akkwisti u dawk dovuti mill-istess komunjoni tal-akkwisti, lill-partijiet, b'dan pero' li ghandhom jigu applikati kontra

l-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fil-Ligi; u inoltre l-esponenti certament m'ghandu jitlef l-ebda jeddijiet fuq sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti stante li fi kwalunkwe kaz dawn saru bi hlas u hidma tal-esponenti u mhux tal-attrici.

9. Illi l-esponenti jecepixxi illi huwa m'ghandux fil-pussess tieghu oggetti dotali u parafernali tal-attrici, u li ghalhekk huwa m'ghandux jigi kkundannat jikkonsenja xejn lill-attrici.

10. Illi l-esponenti m'ghandux oggezzjoni li jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

11. Illi filwaqt li jecepixxi li hemm kunflitt bejn it-tnax-il talba u l-hmistax-il talba mressqa mill-attrici, l-esponenti jiddikjara li ma taghmillux differenza l-kunjom li taghzel l-attrici.

12. Illi l-esponenti m'ghandux oggezzjoni la li jigi appuntat Nutar Pubbliku, la li jigu nominati kuraturi deputati u lanqas li r-Registratur tal-Qorti jigi ordnat javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni eventwali.

13. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu ghak-karigu tal-attrici, stante li kienet hi l-kawza tat-tifrik taz-zwieg tal-kontendenti u tal-problemi l-ohra kollha konsegwenzjali.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat;

Rat in-nota ta’ ċessjoni tar-rikorrenti ghar-rikors ġuramentat tagġha; tat-18 ta’ Novembru 2021 li permezz tagħha ċediet it-talbiet kollha ħlief għat-tlettax u l-erbatax -il talba;

Rat l-erbatax (14) -il talba sabiex il-Qorti tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Registru tal-Qrati biex javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b’dan id-divorzju;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de* facto separati għal aktar minn sitt xhur fl-ahhar sena;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.